KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-8 ta' Frar 2024 [1]

**Kawża C-35/23 (Greislzel) [i]**

**Missier**
**vs**
**Omm,**
**bl-intervent ta':**
**Minuri L,**
**Avukat tat-Tfal *ad litem***

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

"Proċedura preliminari — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Responsabbiltà tal-ġenituri — Ġurisdizzjoni internazzjonali f'każ ta' sekwestru ta' minuri — Residenza abitwali tal-minuri qabel iċ-ċaqliq illeċitu fi Stat Membru — Trasferiment illeċitu lejn Stat Membru —Proċedura ta' ritorn minn Stat Membru għal Stat terz (l-Isvizzera) — Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980"

1. Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 [2], il-leġiżlatur tal-Unjoni speċifika, fost kwistjonijiet oħrajn, liema qrati għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tat-tilwim dwar is-sekwestru ta' minuri fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 [2] f'dan il-kuntest huma intiżi, minn naħa, sabiex jipprevjenu s-sekwestru (tneħħija illeċita jew żamma illeċita) ta' minuri bejn Stati Membri; u, min-naħa l-oħra, li jiġi żgurat li, fil-każ ta' tali sekwestru, ir-ritorn tal-minuri jitwettaq mingħajr dewmien [3].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[i] L-isem huwa fittizju. Dan ma jikkorrispondix mal-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013 Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 6, p.243). Dan tħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU 2019, L 178, p. 1), inapplikabbli għal din il-kawża *ratione temporis*.

[3] Sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400; iktar 'il quddiem is-"sentenza Povse", punt 43.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 10, intitolat "Il-Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' ħtif [sekwestru] ta' minuri", tar-Regolament Nru 2201/2003 fil-kuntest tar-risposta għal diversi talbiet għal deċiżjoni preliminari[4]. Madankollu, fl-ebda waħda minnhom ma kienet inkwistjoni l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu meta, bħal f'dan il-każ, huwa mitlub ir-ritorn tal-minuri fi Stat terz (l-Isvizzera) fejn, barra minn hekk, ma kienx jirrisjedi abitwalment qabel it-tneħħija illeċita.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat ukoll deċiżjoni dwar ir-relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 2201/2003 u l-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-25 ta' Ottubru 1980[5]. Sa issa, sakemm mhux qiegħed niżbalja, hija ma kellhiex tippreċiża liema effetti jista' jkollha talba għar-*ritorn* tal-minuri, ibbażata fuq din il-konvenzjoni, fuq id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni sabiex tingħata deċiżjoni dwar talba għal *kustodja* mressqa abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980*

5. Il-preambolu jindika li din il-konvenzjoni għandha l-għan li tipproteġi lill-minuri, fuq il-livell internazzjonali, kontra l-effetti dannużi li jistgħu jikkawżaw lill-minuri t-tneħħija jew iż-żamma illeċita u li tistabbilixxi proċeduri li jippermettu li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu.

6. L-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 12 jipprovdu:

"Meta minuri jkun tneħħa jew inżamm b'mod illeċitu skont l-Artikolu 3 u, fid-data tal-bidu tal-proċedimenti quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-minuri, ikun għadda perjodu ta' inqas minn sena mid-data tar-rimozzjoni [tneħħija] jew ritenzjoni [żamma] illeċita, l-awtorità li tkun għandha tordna r-ritorn tal-minuri biex dan isir minnufih.

L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, ukoll meta il-proċedimenti jkunu inbdew wara li jkun għalaq il-perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu ta' qabel, għandha tordna wkoll ir-ritorn tal-minuri kemm-il darba ma jiġix pruvat li l-minuri jkun issa adatta ruħu fl-ambjent ġdid tiegħu."

4 Sentenzi tat-13 ta' Lulju 2023, TT (Trasferiment illeċitu tal-minuri) (C-87/22, EU:C:2023:571; iktar 'il quddiem is-"sentenza TT"); tal-24 ta' Marzu 2021, MCP (C-603/20 PPU, EU:C:2021:231; iktar 'il quddiem is-"sentenza MCP"); tas-17 ta' Ottubru 2018, UD (C-393/18 PPU, EU:C:2018:835); u dígriet tal-10 ta' April 2018, CV (C-85/18 PPU, EU:C:2018:220).

5 Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980"). Ara, reċentement, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka u Prokurator Generalny (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103). Ta' interess ikbar għal din il-kawża, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829); tat-8 ta' Ġunju 2017, OL (C-111/17 PPU, EU:C:2017:436; iktar 'il quddiem is-"sentenza OL"); u tad-19 ta' Settembru 2018, C. E. u N. E. (C-325/18 PPU u C-375/18 PPU, EU:C:2018:739).

### *B. Id-dritt tal-Unjoni. Regolament (KE) Nru 2201/2003*

7. Il premessa 10 u 7 jipprovdu:

"(12) Ir-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità.

(...)

(17) F'każijiet ta' tneħħija jew żamma nġusta ta' minuri, ir-ritorn ta' l-minuri għandu jinkiseb mingħajr dewmien, u għal dan il-għan għandha tkompli tapplika l-(Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980) kif kumplementata mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarrment l-Artikolu 11 [...]"

8. Skont l-Artikolu 8 ("Il-Ġurisdizzjoni ġenerali"):

"1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 9, 10 u 12."

9. Skont l-Artikolu 10 ("Il-Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' ħtif [sekwestru] ta' minuri"):

"F'każ ta' tneħħija jew żamma nġusta [illeċita] ta' minuri, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni sakemm il-minuri jakkwistaw residenza abitwali fi Stat Membru ieħor u:

a) kull persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom drittijiet ta' kustodja taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew żamma;

jew

b) il-minuri kellhom residenza f'dak l-Istat Membru l-ieħor għall-perjodu ta' mill-inqas sena wara li l-persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom drittijiet ta' kustodja kellhom jew setgħaw kellhom informazzjoni fejn qegħdin il-minuri u l-minuri ġew issistemati fl-ambjent ġdid tagħhom u mill-inqas waħda mill kondizzjonijiet segwenti ġiet milqugħa:

   (i) Fi żmien sena wara li l-pussessur tad-drittijiet ta' kustodja kellu/ha jew seta' kellu/ha nformazzjoni dwar fejn kienu l-minuri, ma saret l-ebda talba għar-ritorn ppreżentat quddiem l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-minuri ġew imneħħija jew miżmuma;

   (ii) talba għar-ritorn reġistrata mill-pussessur tad-drittijiet ta' kustodja ġiet irtirata u l-ebda talba ġdida ma ġiet ippreżentata fiż-żmien limitu skond il-paragrafu (i);

(iii) każ quddiem qorti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma ngħusta ġiet magħluq skond l-Artikolu 11(7);

(iv) sentenza dwar kustodja li ma tikkunsidrax li t-talba tar-ritorn ta' l-minuri tkun inħarġet mill-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija ngħusta jew iż-żamma."

10. L-Artikolu 11 ("Ir-Ritorn ta' l-minuri") jipprovdi:

"1. Fejn persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom id-drittijiet ta' kustodja japplika ma' l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru biex joħroġu sentenza dwar il-bażi ta' l-(Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980), ħalli tikseb ir-ritorn ta' l-minuri li ġew ingħustament imneħħija jew miżmuma fi Stat Membru barra dak li huwa l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma ngħusta, għandhom japplikaw paragrafi 2 sa 8.

[…]".

## II. Il-fatti, il-kawża u d-domandi preliminari

11. F'Marzu 2013, il-ġenituri ta' L (il-missier għandu n-nazzjonalità Ġermaniża u l-omm Pollakka) iżżewġu fil-Ġermanja, fejn għexu inizjalment.

12. F'Ġunju 2013, il-missier mar jgħix l-Isvizzera għal raġunijiet professjonali. L twieldet fit-12 ta' Novembru 2014 fl-Isvizzera u għandha n-nazzjonalità Ġermaniża u dik Pollakka.

13. Mix-xahar ta' Jannar 2015 sal-bidu tax-xahar ta' April 2016, L għexet ma' ommha fil-Ġermanja. Il-missier kien iżur regolarment lill-omm u lit-tifla komuni fil-Ġermanja; huma jqattgħu wkoll il-vaganzi flimkien.

14. Fid-9 ta' April 2016, l-omm marret tgħix ma' L fil-Polonja. Inizjalment, il-missier kien iżur lil L fil-Polonja.

15. Mis-17 ta' April 2017, l-omm irrifjutat li l-missier jikkuntattja lil L u rreġistrat lil din tal-aħħar, mingħajr il-kunsens tal-missier, f'kindergarten fil-Polonja.

16. Fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju 2017, l-omm informat lill-missier li hija u L kienu ser jibqgħu jirrisjedu fil-Polonja.

17. Fis-7 ta' Lulju 2017, il-missier talab lill-qrati Pollakki, permezz tal-Awtorità Ċentrali Svizzera (Bundesamt für Justiz in Bern (l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja ta' Berna, l-Isvizzera), għar-ritorn ta' L lejn l-Isvizzera.

18. Fit-8 ta' Diċembru 2017, is-Sąd Rejonowy Krakowa-Nowej Huty (il-Qorti Distrettwali ta' Krakovja – Nowa Huta, il-Polonja) ċaħdet it-talba għar-ritorn ippreżentata mill-missier, minħabba li dan kien ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment ta' L ma' ommha lejn il-Polonja għal żmien indeterminat u li, barra minn hekk, kien jeżisti riskju serju għall-benesseri ta' L fil-każ ta' ritorn, fis-sens tal-Artikolu 13(b) tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

19. L-appell ippreżentat mill-missier kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mis-Sąd Okręgowy Krakowa (il-Qorti Reġjonali ta' Krakowa, il-Polonja) fis-17 ta' April 2018.

20. Permezz ta' rikors tas-27 ta' Settembru 2017, l-omm bdiet proċedura ta' divorzju fil-Polonja. Fil-5 ta' Ġunju 2018, is-Sąd Okręgowy Krakowa (il-Qorti Reġjonali ta' Krakowa) tat provviżorjament lill-omm il-kustodja tat-tifla konġunta u rregolat l-obbligu ta' manteniment tal-missier.

21. Fid-29 ta' Ġunju 2018, il-missier ressaq talba għar-ritorn ta' L quddiem il-Bundesamt für Justiz in Bonn (l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja ta' Bonn, il-Ġermanja) abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Huwa sussegwentement irrinunzja għal din it-talba.

22. Fit-13 ta' Lulju 2018, il-missier ressaq quddiem l-Amtsgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Distrettwali ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja) il-kawża li twassal għat-talba għal deċiżjoni preliminari ulterjuri. Fir-rikors tiegħu quddiem din il-qorti, ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2018, huwa talab:

– Prinċipalment (punt I tat-talbiet tiegħu), li jingħata l-kustodja esklużiva ta' L u, sussidjarjament, id-dritt li jistabbilixxi r-residenza tagħha;

– Barra minn hekk (punt II tat-talbiet tiegħu), li l-omm tkun obbligata li tirritorna lil L fl-Isvizzera mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni.

23. F'din il-kawża:

– Il-missier sostna li ż-żewġ ġenituri kienu qablu, fl-2015, li fil-futur kienu ser jgħixu ma' L fl-Isvizzera. F'April 2016, l-omm iddeċidiet li tmur toqgħod b'mod provviżorju il-Polonja. Huwa ta l-kunsens tiegħu, iżda billi llimita espressament iż-żmien ta' residenza fil-Polonja [6].

– L-omm ċaħdet dawn id-dikjarazzjonijiet. Sostniet li l-missier kien ta l-kunsens tiegħu sabiex L tmur il-Polonja, mingħajr ma t-tnejn li huma jaqblu li dan iċ-ċaqliq ikun għal żmien limitat. Lanqas ma kienu qablu dwar trasferiment (futur) lejn l-Isvizzera.

24. Fit-3 ta' Ġunju 2019, l-Amtsgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Distrettwali ta' Frankfurt am Main) ċaħdet it-talba tal-missier minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali. Skont din il-qorti, il-missier ma kienx stabbilixxa l-eżistenza ta' ftehim konkret dwar in-natura temporanja tar-residenza ta' L fil-Polonja. L-informazzjoni pprovduta waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 tikkontradixxi l-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra tat-3 ta' Awwissu 2018: minn dan tal-aħħar jirriżulta li, fix-xahar ta' Mejju 2017, il-ġenituri kienu għadhom qiegħdin jinnegozjaw it-tul tar-residenza fil-Polonja.

6 Waqt seduta li nżammet fid-9 ta' Mejju 2019, li fiha l-omm ma dehritx meta kienet debitament innotifikata, il-missier iddikjara li l-ġenituri kienu qablu, waqt konverżazzjoni telefonika tad-29 ta' Jannar 2016, li L kienet ser tibqa' fil-Polonja għal massimu ta' bejn sentejn u tliet snin u li, fi kwalunkwe każ, hija kienet ser tmur il-kindergarten fl-Isvizzera.

25. Fit-8 ta' Lulju 2019, il-missier appella mis-sentenza tal-ewwel istanza quddiem l-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja). Fil-kuntest ta' dan l-appell, huwa jtenni l-argumenti żviluppati fl-ewwel istanza u jsostni li:

– Il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita tirriżulta mill-Artikolu 11(6), moqri flimkien mal-paragrafu 7, kif ukoll mill-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003. Fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Diċembru 2017, is-Sąd Rejonowy Krakowa-Nowej Huty (il-Qorti Distrettwali ta' Kraków - Nowa Huta) indikat li r-residenza ta' L, qabel marret toqgħod il-Polonja, ma kinitx tinsab fl-Isvizzera iżda fil-Ġermanja.

– F'dan il-każ, japplikaw il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-proċedura tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Skont dawn il-prinċipji, min jopponi r-ritorn tal-minuri għandu jistabbilixxi li d-detentur tal-kustodja (kondiviża) ta l-kunsens tiegħu għat-tneħħija jew għaż-żamma tiegħu jew awtorizzahom *a posteriori*. L-omm ma pproduċietx il-prova ta' kunsens tal-missier għal żmien indeterminat.

26. Barra minn hekk, il-missier talab it-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari, liema talba ġiet milqugħa mill-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja), li għamlet dawn id-domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-mekkaniżmu regolamentari previst fl-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) [Nru 2201/2003] sa fejn huwa limitat għal proċeduri fil-kuntest ta' relazzjonijiet bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea?

Konkretament:

1) L-Artikolu 10 tar-Regolament [Nru 2201/2003] japplika, bil-konsegwenza li tinżamm il-ġurisdizzjoni tal-qrati fl-Istat ta' residenza preċedenti, fil-każ fejn il-wild kellu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni (il-Ġermanja) qabel it-tneħħija tiegħu u li l-proċeduri ta' ritorn taħt il-Konvenzjoni ta' Den Haag dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag") żvolġew bejn Stat Membru tal-Unjoni (il-Polonja) u Stat terz (l-Isvizzera), u li f'dawn il-proċeduri, ir-ritorn tal-wild ġie rrifjutat?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2) Fil-kuntest tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament [Nru 2201/2003], liema huma r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex tiġi stabbilita ż-żamma tal-ġurisdizzjoni?

3) L-Artikolu 11(6) sa (8) tar-Regolament [Nru 2201/2003] japplika wkoll fil-każ ta' implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag fil-kuntest ta' relazzjonijiet bejn Stat terz u Stat Membru tal-Unjoni, bħala Stat ta' refuġju, sa fejn il-wild kellu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni ieħor qabel it-tneħħija?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Jannar 2023.

28. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Ġermaniż u dak Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet, kif ukoll missier il-minuri, ipparteċipaw fis-seduta li nżammet fis-7 ta' Diċembru 2023.

## IV. Analiżi

29. Fuq indikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser nikkonċentra fuq it-tieni domanda preliminari, dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, sabiex jiġi ddeterminat liema qorti għandha ġurisdizzjoni f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża [7].

30. L-espożizzjoni tiegħi ser tiġi żviluppata kif ġej:

– Fl-ewwel parti, ser nindirizza fil-qosor ir-regoli dwar l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni fil-każ ta' sekwestru ta' minuri (Artikoli 8 u 10 tar-Regolament Nru 2201/2003).

– Ser niddedika t-tieni parti għall-analiżi tal-profili tat-talbiet għar-ritorn tal-minuri ssekwestrata, sa fejn dawn jikkostitwixxu waħda mill-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

– Ser nikkompleta r-riflessjonijiet tiegħi billi nesponi l-effett li jista' jkollhom fuq il-kawża fil-kawża prinċipali l-kunsiderazzjonijiet żviluppati fit-tieni parti.

– Ser nikkonkludi billi nikkunsidra kwistjonijiet speċifiċi oħra mqajma mill-qorti tar-rinviju.

### *A. Regoli li jagħtu ġurisdizzjoni internazzjonali fil-każ ta' sekwestru ta' minuri*

31. Ir-regola ta' "Il-Ġurisdizzjoni ġenerali" stabbilita fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 hija li "[i]l-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess".

32. Dan l-għoti ta' ġurisdizzjoni jirrifletti l-prinċipju ta' prossimità (ġeografika), li huwa ċentrali fis-sistema [8].

33. B'eċċezzjoni għal din ir-regola, jeżistu każijiet fejn il-minuri jitlef ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru u jiksibha fi Stat Membru ieħor, iżda l-ġurisdizzjoni internazzjonali ma hijiex attribwita lill-qrati ta' dan tal-aħħar. Dan huwa partikolarment il-każ fil-każ ta' minuri mneħħija (jew miżmuma) b'mod illeċitu.

[7] Ser nibda mill-premessa li missier L kellu d-dritt ta' kustodja fuqha u li t-trasferiment, li inizjalment kien ikkonsenta għalih, sar sussegwentement illeċitu. Jekk it-trasferiment ma jkunx illeċitu, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 sempliċement ma japplikax. Ma huwiex ċar li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta f'dan il-każ, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

[8] Il-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003. Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi TT, punt 33; u tas-27 ta' April 2023, CM (Dritt ta' aċċess ta' minuri li biddel ir-residenza) (C-372/22, EU:C:2023:364), punti 21 u 22. Dwar ir-rilevanza tal-preżenza fiżika tal-minuri sabiex tiġi stabbilita r-residenza abitwali tiegħu u r-relazzjoni intrinsika tagħha mal-kriterju tal-prossimità ġeografika, ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, UD (C-393/18 PPU, EU:C:2018:835).

34. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, fil-każ ta' sekwestru ta' minuri, il-qrati tal-Istat Membru li fih dan il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija (jew iż-żamma) illeċita tiegħu jżommu, bħala prinċipju, il-ġurisdizzjoni. Dan jinkiseb kif ġej:

– Li l-ġenitur li ssekwestra lill-minuri ma jibbenefikax minn att illegali. Jekk dan il-ġenitur ikun jista' jadixxi lill-korpi tal-Istat Membru tar-residenza l-ġdida bit-talba tiegħu dwar il-kustodja tal-minuri, huwa jibbenefika minn vantaġġ mhux iġġustifikat [9].

– Billi, konsegwentament, il-prattika tas-sekwestru internazzjonali ta' minuri, għan fundamentali tar-Regolament Nru 2201/2003 tiġi skoraġġuta [10].

35. Issa, il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija illeċita ma tinżammx mingħajr limiti.

36. Fil-fatt, huwa possibbli li din il-ġurisdizzjoni tiġi ttrasferita lill-qrati tar-residenza abitwali l-*ġdida* tal-minuri, minn mument speċifiku, jekk jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003.

37. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, jekk il-pussessur tad-drittijiet ta' kustodja:

– jew jaqbel mat-tneħħija tal-minuri (Artikolu 10(a) tar-Regolament Nru 2201/2003);

– jew ma jwettaqx ċerti azzjonijiet [11] matul ċertu perijodu u, eventwalment, il-minuri ikun ġie integrat fl-ambjent il-ġdid (Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003) [12]. Il-passività ta' dak li għandu l-kustodja tal-minuri li tneħħa illegalment hija għalhekk ta' natura li taffettwa t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni minn Stat Membru għal ieħor [13].

## *B. Talba għar-ritorn u l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003*

38. Kif għadni kif indikajt, it-talba għar-ritorn tal-minuri hija waħda mill-kundizzjonijiet li jikkundizzjonaw l-applikabbiltà tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

39. Skont din id-dispożizzjoni, u sakemm iċ-ċirkustanzi l-oħra li hija tipprevedi jkunu ssodisfatti, in-nuqqas ta' talba (quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih il-minuri tneħħa b'mod illeċitu) għar-*ritorn* tal-minuri, ladarba l-post ta' residenza tiegħu jkun magħruf (jew għandu jkun magħruf), huwa fattur li jista' jikkawża bidla fil-ġurisdizzjoni internazzjonali.

[9] Permezz tal-ksib, tal-inqas, ta' vantaġġ proċedurali u, eventwalment, sostanzjali: l-awtur tas-sekwestru, permezz tal-att illegali tiegħu, irnexxielu joħloq ir-rabta li tiġġustifika l-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti eventwalment iktar favorevoli għall-interessi tiegħu (fuq il-mertu).

[10] Għal kulħadd, is-sentenza TT, punt 36.

[11] Azzjonijiet għar-ritorn jew azzjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri: punti (i) sa (iii). Il-punt (iv) jipprevedi t-trasferiment ta' ġurisdizzjoni wara deċiżjoni ta' kustodja, flimkien, barra minn hekk, maċ-ċirkustanzi komuni previsti fil-punt (b).

[12] Il-minuri kellha residenza fl-Istat Membru tad-destinazzjoni mill-inqas sena minn meta li d-detentur tal-kustodja kien jaf jew kellu jkun jaf il-post tar-residenza tagħha. L-Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jippreżenta l-integrazzjoni tal-minuri fl-Istat il-ġdid bħala kundizzjoni separata għall-konsolidazzjoni tar-residenza abitwali fih.

[13] Sentenza MCP, punt 54.

40. Madankollu, ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jiddefinixxix x'għandu jinftiehem b'"ritorn" u lanqas b'"talba għar-ritorn". Lanqas ma jagħtu tali definizzjonijiet il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, li r-Regolament Nru 2201/2003 jissupplimenta[14], u l-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996[15].

*1. Talba għar-ritorn tal-minuri fi Stat Membru li ma huwiex dak li fih kellu r-residenza abitwali tiegħu qabel is-sekwestru*

41. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk talba għar-ritorn taqax *fis-sens strett* tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003[16], iżda intiża sabiex il-minuri *jirritorna fi Stat differenti minn dak tar-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija*[17].

42. Fl-ewwel approssimazzjoni, il-formulazzjoni[18] tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jidhirx li jimponi li jintalab ir-ritorn tal-minuri preċiżament fl-*Istat Membru fejn kien jirrisjedi abitwalment eżatt qabel it-tneħħija* illeċita.

43. Kif diġà sostnejt, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa intiż sabiex jiddiswadi t-trasferiment illeċitu minn Stat Membru għal ieħor. Għal dan l-għan, huwa jintegra regoli li, taħt ċerti kundizzjonijiet, jirrifjutaw li l-ġurisdizzjoni tingħata lill-organi tal-Istat Membru li fih il-minuri kiseb, wara t-tneħħija illeċita tiegħu, residenza abitwali ġdida.

14 Il-premessa 17 tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati terzi għall-Konvenzjoni ta' Den Haag), tal-14 ta' Ottubru 2014 (EU:C:2014:2303), paragrafu 85. Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ strumenti hija ċara fir-rigward tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003: fis-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Rzecznik Praw Dziecka u Prokurator Generalny (Sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn) (C-638/22 PPU, EU:C:2023:103, punt 62), il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat din id-dispożizzjoni u l-Artikoli 8 sa 11 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 bħala "ġabra normattiva indiviżibbli", kif diġà għamlet fl-Opinjoni 1/13, punt 78. L-Artikolu 10 ma jippreżentax rabta daqshekk intima: minn din il-perspettiva, sakemm ikun mistenni li jkun hemm koerenza bejn l-istrumenti, jista' jiġi sostnut li hija tipprevedi talbiet għal ritorn li ma jkunux koperti mill-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u li din ma tilqax ċerti talbiet għal ritorn, anki jekk ikunu koperti minn din il-konvenzjoni.

15 Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal, konkluża f'Den Haag fid-19 ta' Ottubru 1996 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996"). L-Artikolu 7 tagħha, ekwivalenti funzjonali għall-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, jipprevali fuq l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980: ara r-Rapport ta' spjegazzjoni mħejji minn Paul Lagarde, ippubblikat f'*Actas y Documentos de la Decimoctava Sesión de la Conferencia de La Haya de Derecho Internacional Privado (1996)*, volum II, p. 532 *et seq.* (iktar 'il quddiem, ir-"Rapport Lagarde"), punt 46. Bl-Ispanjol, ir-Regolament Nru 2201/2003 juża t-terminu "restitución", filwaqt li ż-żewġ Konvenzjonijiet ta' Den Haag jużaw "retorno". Bl-Ingliż u bil-Franċiż (lingwi taż-żewġ verżjonijiet awtentiċi tal-konvenzjonijiet), it-tliet strumenti jużaw "retour" u "return". Fil-prinċipju, it-tifsira hija l-istess għat-tlieta: ara, madankollu, in-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

16 B'hekk nifhem it-talba li għandha l-uniku għan tagħha ir-rinviju tal-minuri lejn l-Istat ta' oriġini fl-iqsar żmien possibbli, mingħajr ma nindirizza l-kwistjonijiet sostantivi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

17 Il-verżjonijiet awtentiċi tal-preambolu tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 jirreferu għar-ritorn tal-minuri jew tal-ulied "dans l'État de sa residence habituelle" u "to the State of their habitual residence". Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 1 ma jirriproduċix din il-preċiżazzjoni.

18 Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-formulazzjoni letterali tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza MCP, punti 39 u 40, li "l-kriterji magħżula minn din id-dispożizzjoni għall-finijiet tal-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni fil-każ ta' [sekwestru] ta' [minuri] jirrigwardaw sitwazzjoni li hija limitata għat-territorju tal-Istati Membri". Hija żiedet li "dan l-artikolu jirregola biss il-ġurisdizzjoni fil-każ ta' [sekwestru] ta' [minuri] bejn l-Istati Membri". L-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kienet għalhekk inkwistjoni meta l-minuri, wara trasferiment illeċitu fi Stat terz, kienet ikkonsolidat ir-residenza abitwali tagħha hemmhekk. Id-differenza bejn dawn il-fatti u dawk ta' din il-kawża, li fiha ntalab ir-ritorn lejn l-Isvizzera, iżda t-tneħħija illeċita seħħet mill-Ġermanja lejn il-Polonja, ma tippermettix li jiġi kkunsidrat li dawn id-dikjarazzjonijiet (u għalhekk l-argument letterali) kienu waħedhom ineħħu d-dubji f'dan il-każ.

44. Għal dan l-istess għan, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet interpretazzjoni restrittiva tal-kundizzjonijiet li jipproduċu t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni [19]. Skont din l-istess loġika, jidher li, iktar ma tkun flessibbli l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta ż-żamma tal-ġurisdizzjoni fl-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri, iktar jista' jiġi difiż aħjar l-għan imsemmi [20].

45. Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003 jista' jagħti lok għal talba għar-ritorn tal-minuri intiża għar-"ritorn" tiegħu lejn Stat (Membru; anki jekk, dak iż-żmien, terz) differenti minn dak tar-residenza abitwali *preċedenti* tagħha.

46. Madankollu, inqis li din l-interpretazzjoni *miftuħa* tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, proposta mill-Kummissjoni u mill-missier ta' L, tippreżenta diffikultajiet serji.

47. Ir-regola ta' ġurisdizzjoni mdaħħla fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 hija speċjali meta mqabbla ma' dik ġenerali stabbilita fl-Artikolu 8(1). Għalhekk, "għandha tiġi interpretata b'mod strett u għalhekk ma tippermettix interpretazzjoni li tmur lil hinn mill-każijiet previsti b'mod espliċitu mir-regolament [...]" [21].

48. F'din il-linja, infakkar li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi mhux biss ġurisdizzjoni ta' eċċezzjoni, iżda jindika wkoll iċ-ċirkustanzi li fihom din il-ġurisdizzjoni tinżamm jew, għall-kuntrarju, tiġi ttrasferita lill-qrati li normalment għandhom ġurisdizzjoni, li huma dawk tal-Istat Membru tar-residenza abitwali attwali tal-minuri.

49. Minkejja li r-residenza abitwali l-ġdida oriġinat minħabba tneħħija illeċita [22], il-qrati tal-Istat Membru fejn il-minuri diġà rabbiet ċerta għeruq jinsabu, minħabba l-viċinanza ġeografika tagħhom mal-ambjent tal-minuri, f'pożizzjoni aħjar sabiex jevalwaw il-miżuri favorevoli għall-interess tagħha [23].

50. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, il-leġiżlatur "ried jistabbilixxi [...] f'dak li jirrigwarda preċiżament l-għoti tal-ġurisdizzjoni, [...] bilanċ bejn, minn naħa, in-neċessità li l-awtur ta[s-sekwestru] jiġi prekluż milli jikseb vantaġġ mill-att [illeċitu] tiegħu [...] u, min-naħa l-oħra, l-opportunità li l-qorti li tkun l-eqreb għall-[minuri] tingħata l-possibbiltà tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenitur" [24].

51. Iċ-ċavetta għall-komprensjoni tajba tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 u, għaldaqstant, tal-kundizzjonijiet li huwa jistabbilixxi, hija li jintlaħaq dan il-bilanċ.

[19] Sentenza Povse, punt 45. Din kienet dwar l-Artikolu 10(b)(iv) tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-kunċett ta' "sentenza dwar kustodja li ma tikkunsidrax [...] it-talba tar-ritorn tal-minuri". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija deċiżjoni definittiva biss li taqa' taħt dan il-kunċett.

[20] Nifhem li s-sostenituri ta' din it-teżi jsostnuha, kif għamel ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fis-seduta, fid-digriet tal-10 ta' April 2018, CV (C-85/18 PPU, EU:C:2018:220, punt 51). Fiha, il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet id-dispożizzjonijiet tas-sentenza Povse dwar l-Artikolu 10(b)(i), tar-Regolament Nru 2201/2003, għall-punt (a) u għall-inċiżi l-oħra tal-punt (b) tal-artikolu.

[21] Sentenza MCP, punt 47.

[22] U, għandu jingħad, minkejja n-natura temporanja tas-sitwazzjoni tal-minuri li tneħħa illegalment, li għaliha nirreferi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28.

[23] L-ikbar adegwatezza tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri ma tidhirx kontroversjali lanqas f'każijiet bħal dawn: ara s-sentenza MCP (punt 60). Dawn il-qrati huma wkoll f'pożizzjoni aħjar sabiex jieħdu konjizzjoni tal-kawża fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003: sentenza MCP (punt 44).

[24] Sentenza MCP, punt 59. Din hija r-raġuni għaliex (fost l-oħrajn), f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li testendi l-ġurisdizzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 mingħajr limitu ta' żmien, filwaqt li t-tneħħija illeċita kienet ġiet affettwata minn Stat terz fejn il-minuri kien kiseb ir-residenza abitwali tiegħu.

52. Tali bilanċ huwa, fil-fehma tiegħi, ippreżervat aħjar permezz ta' talba għar-ritorn tal-minuri fl-Istat Membru fejn kien jirrisjedi immedjatament qabel it-tneħħija illeċita (f'dan il-każ, il-Ġermanja), milli t-talba għar-ritorn li, kieku kellha tirnexxi, twasslu[25] fi Stat differenti (l-Isvizzera) minn dan u differenti wkoll mill-Istat (il-Polonja) li fih huwa jirrisjedi attwalment.

53. L-Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jispeċifika l-passi li għandhom jittieħdu minn min ikun irid jevita l-bidla fil-ġurisdizzjoni internazzjonali:

– Kontra l-fatt ta' sekwestru, huwa għandu jitlob, fi żmien determinat, ir-ritorn tal-minuri lill-awtoritajiet tal-Istat fejn dan jinsab[26].

– Kontra deċiżjoni li jsir ritorn, meħuda abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, għandha ssir talba malajr, quddiem l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza preċedenti tal-minuri, għall-kustodja ta' dan il-minuri[27] (jekk ma hemmx diġà tali talba pendenti).

54. Inqis li, billi jikkundizzjona ż-żamma ta' ġurisdizzjoni għal dawn ir-reazzjonijiet ġuridiċi preċiżi, ir-Regolament Nru 2201/2003 huwa intiż sabiex jiddderieġi r-rifjut tad-detentur tad-dritt ta' kustodja għas-sekwestru tal-minuri, iżda mhux biss.

55. Fl-interess tal-minuri, huwa jippromwovi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi intiżi sabiex tintemm kemm jista' jkun malajr sitwazzjoni provviżorja[28], b'mod koerenti mal-loġika tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-sekwestru internazzjonali ta' minuri[29]. L-istabbiliment

[25] Inżid li, għall-finijiet tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, huwa li ssir it-talba, u mhux ir-riżultat tagħha, li huwa rilevanti. Il-ġurisdizzjoni internazzjonali ma tintilifx awtomatikament jekk is-sentenza wara t-talba hija li ma jsirx ritorn: f'dan il-każ, is-sitwazzjoni ssir dik prevista fil-punt (b)(iii).

[26] Artikolu 10(b)(i) u (ii).

[27] Artikolu 10(b)(iii) tar-Regolament Nru 2201/2003. L-inċiż huwa limitat għall-każ fejn ir-ritorn jintalab u jiġi rrifjutat abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, din hija s-sistema komuni tat-talbiet għar-ritorn tal-minuri, li ma teskludix oħrajn sakemm dawn ikunu iktar favorevoli għar-ritorn. Ikun raġonevoli li r-regola stabbilita fl-Artikolu 10(b)(iii) tiġi estiża wkoll għal dawn tal-aħħar.

[28] Provviżorja f'termini ġudizzjarji skont il-volontà tal-leġiżlatur stess, u kif ukoll fil-fatti, minkejja li l-minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat Membru li fih ikun tneħħa illegalment. Skont l-Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, f'qari *a contrario sensu*, il-kompetenza tal-korpi tal-Istat Membru ta' oriġini ma tintilifx jekk, wara sena minn meta d-detentur tal-kustodja kien jaf jew kellu jkun jaf il-post fejn kien jinsab il-minuri, dan ikun għadu ma integrax fl-ambjent il-ġdid, minkejja li jkun kiseb residenza abitwali hemmhekk. Infakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, jekk fil-bidu tal-proċedura tar-ritorn ma tkunx għaddiet sena mis-sekwestru tal-minuri, l-awtoritajiet tal-Istat ta' destinazzjoni għandhom jordnaw ir-ritorn tiegħu. Ir-rapport ta' spjegazzjoni ta' Elisa Pérez Vera, li jakkumpanja l-Konvenzjoni, ippubblikat f'*Actas y Documentos de la Decimocuarta Sesión de la Conferencia de La Haya de Derecho Internacional Privado (1980)*, volum III, p. 426 *et seq.* (iktar 'il quddiem, ir-"Rapport Pérez Vera"), punt 107, jispjega l-istabbiliment ta' dan il-perijodu bħala tentattiv biex il-kriterju ta' "integrazzjoni tal-minuri" jiġi tradott fi standard oġġettiv. Madankollu, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni jipprovdi li ordni ta' ritorn hija wkoll imperattiva, anki jekk mitluba iktar tard, jekk l-integrazzjoni tal-minuri fl-ambjent il-ġdid ma tkunx ipprovata.

[29] Il-leġiżlazzjoni żviluppata tipprevedi konfigurazzjoni fattwali *tipika*, li fiha l-elementi ċentrali li jwasslu sabiex l-Istat ta' residenza preċedenti tal-minuri jiġi kkwalifikat bħala l-"ambjent" tiegħu għadhom jinżammu hemmhekk. Ir-rapport Pérez Vera, fil-punt 110 tiegħu, jiddeskrivi, min-naħa tiegħu, sitwazzjoni *atipika*, li fiha l-ambjent tal-minuri huwa "essenzjalment familjari" u dak li jitlob ir-ritorn ma għadux jgħix fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija. Fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi li jirriżultaw mir-ritorn tal-minuri f'dan l-Istat, huwa jissuġġerixxi li l-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 tawtorizza l-konsenja tal-minuri fi Stat ieħor. Waqt is-seduta, ir-rappreżentant ta' missier L semma dan il-punt tar-rapport sabiex isostni interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 differenti minn dik li jiena naqbel magħha. Madankollu, anki jekk jitqies li l-fatti fil-kawża prinċipali jikkorrispondu mas-sitwazzjoni deskritta fir-rapport, ma jidhirx li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda dan il-każ atipiku u l-implikazzjonijiet tiegħu f'termini ta' ġurisdizzjoni internazzjonali.

mill-ġdid tal-*istatus quo* qabel iċ-ċaqliq illeċitu huwa l-ewwel pass, essenzjali, sabiex tiġi rregolarizzata s-sitwazzjoni ta' minuri ssekwestrat[30]. Sabiex dan iseħħ, jidhirli li huwa indispensabbli li jintalab ir-ritorn tiegħu preċiżament fl-Istat Membru fejn tneħħa.

56. It-talba għar-ritorn tal-minuri lil Stat differenti minn dak fejn huwa kien jirrisjedi abitwalment qabel it-tneħħija illeċita hija mezz sabiex issir oppożizzjoni għal din it-tneħħija, iżda ma sservix l-għan li għadni kif iddeskrivejt. Għall-kuntrarju, hija tirrestrinġi l-każijiet fejn il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali attwali tal-minuri, jiġifieri dawk l-eqreb tiegħu, ikollhom ġurisdizzjoni.

57. Fil-qosor, jiena kontra l-klassifikazzjoni bħala "talba għar-ritorn", fis-sens tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, talba għar-ritorn tal-minuri lejn Stat li ma huwiex dak li fih kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tat-tneħħija illeċita.

*2. Talba għar-ritorn u talba għal kustodja*

58. Skont l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003:

– It-tressiq ta' *talba għar-ritorn* hija l-kundizzjoni espliċita imposta fuq min jitlob il-kustodja sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni internazzjonali fl-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri, ladarba huwa jaf (jew kellu jkun jaf) fejn jinsab.

– Ma hemm l-ebda spazju għal talbiet oħra għajr dawk relatati mar-ritorn tal-minuri quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn ikun tneħħa.

59. Kif spjegajt, sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija illeċita, l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003 jeżiġi li tinbeda proċedura intiża sabiex il-minuri jintbagħat lura lejn dan il-pajjiż.

60. Minn din il-perspettiva, talba għar-ritorn tal-minuri u talba għal kustodja li, meta tittieħed deċiżjoni, timplika r-ritorn tiegħu jistgħu jidhru ekwivalenti.

61. Madankollu, fil-qasam tas-sekwestru ta' minuri, il-fattur taż-żmien huwa determinanti[31]. Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, talba li l-uniku suġġett tagħha huwa r-ritorn rapidu tal-minuri u li, minħabba f'hekk, tiġi ttrattata b'urġenza, u oħra li tiddeċiedi dwar il-kustodja wara li jkun ġie analizzat fid-dettall il-mertu tal-kawża fil-proċedura għal dan l-għan, ma humiex interkambjabbli[32].

[30] Infakkar li r-Regolament Nru 2201/2003 huwa intiż sabiex jipprekludi s-sekwestru ta' minuri bejn Stati Membri. Jekk, minkejja kollox, dan iseħħ, l-għan huwa li "jiġi żgurat li r-ritorn tal-minuri jseħħ mingħajr dewmien": sentenza Povse, punt 43. F'dan il-punt, ir-ritorn huwa importanti li, fil-loġika tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, it-talba għall-kustodja għandha tistenna d-deċiżjoni tar-ritorn. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 issegwi l-istess linja, minkejja li hija kemxejn iktar flessibbli. Iktar 'il quddiem nota ta' qiegħ il-paġna 31.

[31] Tant huwa hekk li l-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 tipprova tissuġġetta t-talba ta' kustodja għal dik ta' ritorn: ara l-Artikolu 34 u r-rapport Pérez Vera, punt 40. It-tħassib jeżisti wkoll fil-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, li tammetti biss b'mod eċċezzjonali soluzzjoni iktar flessibbli: Rapport Lagarde, punt 168.

[32] Bejn l-Istati Membri, ir-Regolament Nru 2201/2003 ċertament jiffaċilita r-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar il-kustodja, billi jnaqqas it-tħassib dwar il-fattur temporanju, li kellu piż deċiżiv f'kuntesti oħra: iktar 'il fuq, nota 31. Madankollu, il-kunċett u t-tul tal-proċedura ta' kustodja huma f'idejn l-Istati Membri u ma teżistix, kuntrarjament għall-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, regola ta' limitazzjoni *ratione temporis* sabiex tittieħed deċiżjoni. Infakkar li kien hemm fil-proposta tal-Kummissjoni: ara COM(2002) 222 final, l-Artikolu 21(b)(ii).

62. Interpretazzjoni sistematika lanqas ma ssostni li t-*talba għar-ritorn* li tinsab fl-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003 tiġi ssostitwita b'talba għal kustodja. L-inċiż (i) u l-inċiżi (ii) u (iii)[33] tal-punt (b) ta' dan l-artikolu jifformaw sekwenza li fiha t-talba għall-kustodja hija kkonċepita bħala sussegwenti għal dik tar-ritorn. B'mod ġenerali, dawn l-inċiżi jiddeskrivu sensiela ta' passi li għandhom jittieħdu, ladarba jkun magħruf il-post fejn jinsab il-minuri, f'sitwazzjoni "tipika" li fiha tkun għadha ma tressqitx talba għal kustodja.

63. Minn issa 'l quddiem, iż-żamma tal-ġurisdizzjoni fl-Istat Membru fejn il-minuri kien jirrisjedi abitwalment qabel is-sekwestru tiegħu teħtieġ: tentattiv ta' restituzzjoni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru (ġdid) minn fejn tneħħa (inċiż (i)); il-persistenza fit-tentattiv (inċiż (ii)); u, f'każ li t-talba għar-ritorn tiġi rifjutata[34], li ssir talba fil-pront għall-kustodja fl-Istat Membru ta' oriġini tat-trasferiment (inċiż (iii)).

64. Jiena tal-fehma, fl-aħħar mill-aħħar, li, sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn kien jirrisjedi l-minuri u minn fejn huwa tneħħa illegalment, dak li jaspira għall-kustodja tiegħu (u jaf, jew għandu jkun jaf fejn jinsab il-minuri) għandu jitlob ir-ritorn immedjat tiegħu. Mill-mument li fih huwa jaf il-post fejn jinsab il-minuri[35], huwa ma għandux għażla bejn li jippreżenta l-azzjoni fil-mertu jew jitlob ir-ritorn immedjat tal-minuri[36]. Jekk ma titressaqx it-talba għar-ritorn jew issir wara l-limitu ta' żmien, il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-kustodja tgħaddi għand l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn il-minuri huma abitwalment residenti[37].

## *C. Applikazzjoni ta' dawn il-kriterji għall-kawża prinċipali*

65. Il-qorti tar-rinviju tagħmel it-tieni domanda preliminari tagħha minn perspettiva doppja:

– Minn naħa, ma jidhirx li huwa rilevanti, għall-finijiet tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, li kien hemm talba għar-ritorn imressqa quddiem il-qrati Pollakki, ittrattata abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

– Min-naħa l-oħra, hija tqis it-talba ta' kustodja ta' L, imressqa quddiem il-qrati Ġermaniżi, bħala talba għar-ritorn fis-sens ta' dan l-istess artikolu.

66. Sabiex tingħata risposta utli għad-domanda preliminari, għandha tiġi evalwata l-eżattezza ta' dawn il-premessi.

[33] L-inċiż (iv) għandu ċerta awtonomija f'dan il-kuntest. Huwa bbażat fuq deċiżjonijiet ta' kustodja li ma jinvolvux ir-ritorn tal-minuri, mogħtija fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija tiegħu. Jidher li kull deċiżjoni ta' kustodja tapplika għall-finijiet tal-inċiż: ma hemm l-ebda indikazzjoni li din hija konsegwenza tal-azzjoni msemmija fl-inċiż (iii).

[34] Ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jittrattax ir-risposta pożittiva.

[35] Qabel dan il-mument, huwa wkoll possibbli li jiġi mħeġġeġ ir-ritorn, iżda r-realizzazzjoni materjali tar-ritorn ma hijiex possibbli, b'tali mod li ma jidhirx raġonevoli li tali stadju jiġi *impost* bħala kundizzjoni għaż-żamma tal-ġurisdizzjoni fl-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri. Barra minn hekk, iqumu problemi prattiċi evidenti, bħal dik dwar liema awtoritajiet huma kompetenti li jordnaw ir-ritorn, anki meta d-direzzjoni mill-ġdid tat-talba hija prevista: ara l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Den Haag tal-1980.

[36] Il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkritikatx każijiet fejn il-proċeduri huma ppruvati b'mod parallel: ara, b'mod partikolari, is-sentenza TT, punti 19 u 20.

[37] Jekk, barra minn hekk, jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 10(b) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003.

*1. Talba għar-ritorn ta’ L lejn l-Isvizzera*

67. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, għall-qorti tar-rinviju, it-talba għar-ritorn[38] ta’ L lejn l-Isvizzera, imressqa minn missierha fis-7 ta’ Lulju 2017 quddiem il-qrati Pollakki, ma hijiex rilevanti għall-finijiet taż-żamma tal-ġurisdizzjoni fil-Ġermanja, skont l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

68. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni esponiet perspettiva differenti: it-talba għar-ritorn fl-Isvizzera hija tabilħaqq rilevanti; missier L “ma ħalliex is-sitwazzjoni kif inhi”, iżda prova jikseb ir-ritorn tal-minuri[39].

69. Għar-raġunijiet esposti fil-punti 41 *et seq* ta’ dawn il-konklużjonijiet, inqis li l-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju hija, fir-riżultat tagħha, sostanzjalment korretta. Fiċ-ċirkustanzi tal-Artikolu 10(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, iż-żamma tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Ġermanja, bħala Stat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija, kienet tkun teħtieġ talba għar-ritorn lejn dan il-pajjiż.

*2. Talba għall-kustodja quddiem il-qrati Ġermaniżi*

70. Sabiex jiġi vverifikat jekk il-qrati tal-Istat Membru (il-Ġermanja) fejn L kienet tirrisjedi b’mod abitwali qabel it-tneħħija illeċita tagħha għadx għandhom (madankollu) ġurisdizzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-*talba għall-kustodja* li ġew aditi biha mill-missier tressqitx fit-terminu ta’ sena previst fl-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

71. Għalhekk, niddeduċi li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra t-talba dwar il-kustodja ta’ L bħala talba għal “ritorn”, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003. B’dan il-mod, jista’ jintgħeleb l-ostakolu tal-assenza tat-talba għar-ritorn, fil-veru sens tal-kelma, li l-imsemmi artikolu jeżiġi sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni fl-Istat Membru ta’ oriġini, ladarba jkun magħruf il-post fejn jinsab il-minuri fl-Istat fejn ikun ittieħed.

72. Għar-raġunijiet li esponejt fil-punti 58 *et seq* ta’ dawn il-konklużjonijiet, ma naħsibx li din il-premessa hija korretta. Lanqas ma jidhirli li din hija ġġustifikata mir-risposta affermattiva għall-ewwel domanda preliminari, kif tagħti x’tifhem impliċitament il-qorti tar-rinviju.

73. Huwa mod li l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 (sabiex tiġi attribwita l-ġurisdizzjoni internazzjonali lil ċerti qrati f’każ ta’ tneħħija illeċita ta’ minuri) ma hijiex ikkundizzjonata minn dik tal-Artikolu 11 tal-istess test[40], u ieħor, li l-użu ta’ din il-ġurisdizzjoni derogatorja jkun possibbli f’kull mument, indipendentement minn kull tentattiv li jinkiseb ir-ritorn tal-minuri.

***D. Rekwiżiti oħra tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003***

74. Il-qorti tar-rinviju tqajjem żewġ kwistjonijiet li għandhom jiġu kkjarifikati jekk jiġi aċċettat, kuntrarjament għal dak li nsostni, li t-talba għall-kustodja magħmula fil-Ġermanja hija assimilabbli għal talba għar-ritorn fis-sens tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

38 Jiena nuża dan it-terminu minkejja li, fid-dawl tal-espożizzjoni tal-fatti, jidhirli li jista’ jiġi kkontestat li din it-talba hija ta’ ritorn fis-sens proprju, u mhux għar-*rilokazzjoni* tal-minuri, imressqa permezz tal-kanali tal-Konvenzjoni ta’ Den Haag tal-1980.

39 Osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, punt 43.

40 Fi kliem ieħor, il-proċedura prevista mill-Konvenzjoni ta’ Den Haag tal-1980 inbdiet bejn żewġ Stati Membri.

75. L-ewwel kwistjoni tirrigwarda t-terminu impost fuq id-detentur tad-dritt ta' kustodja sabiex jitlob ir-ritorn immedjat tal-minuri, hekk kif huwa jaf (jew għandu jkun jaf) il-post fejn jinsab.

76. Id-dubju jidher li jirriżulta mid-diverġenza bejn l-espożizzjoni tal-fatti minn missier L meta talab ir-ritorn tagħha permezz tal-awtoritajiet Svizzeri u dak li huwa espona fil-Ġermanja sabiex isostni li l-qrati tagħha għandhom ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kustodja:

– matul il-proċedura ta' ritorn, il-missier stabbilixxa d-data tat-tneħħija illeċita ta' L għall-24 ta' Mejju 2017, data li fiha bdiet tattendi l-kindergarten fil-Polonja;

– fil-kuntest tal-proċedura ta' kustodja, il-missier invoka ftehim ma' omm L, li permezz tiegħu t-tifla tmur fil-crèche fl-Isvizzera mix-xahar ta' Novembru 2017.

77. Skont id-data adottata, it-terminu ta' sena previst fl-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003 kien skada jew le meta missier L ressaq it-talba tiegħu ta' kustodja fil-Ġermanja (13 ta' Lulju 2018). Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-allegazzjonijiet tal-missier fil-proċedura ta' kustodja, li huma differenti minn dawk ippreżentati fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, humiex ammissibbli.

78. It-tieni kwistjoni tirrigwarda l-prova tal-fatti (jiġifieri ftehim eventwali tal-ġenituri dwar il-permanenza tal-minuri fil-Polonja lil hinn minn ċerta data) li jikkundizzjonaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali. Għall-missier, il-prova ta' dan il-punt taqa' fuq l-omm ta' L skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 [41], li hija applikabbli wkoll fil-kuntest tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003.

79. Fil-fehma tiegħi, dawn id-dubji tal-qorti tar-rinviju jistgħu jiġu solvuti, peress li, minħabba n-natura u l-għan tagħhom, il-proċeduri ta' ritorn u ta' kustodja relatati ma' minuri mneħħi b'mod illeċitu, minkejja li huma marbuta, huma awtonomi.

80. Fir-Regolament Nru 2201/2003, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ proċeduri hija prevista b'mod partikolari minn żewġ dispożizzjonijiet: l-Artikolu 11, iddedikat għar-"ritorn ta' l-minuri", u l-Artikolu 42, li jagħmel parti mit-taqsima dwar l-"infurzabilità ta' ċerti sentenzi dwar id-drittijiet ta' l-aċċess u ċerti sentenzi li jeħtieġu r-ritorn ta' l-minuri". L-ebda waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma torbot il-proċeduri bil-mod issuġġerit mill-qorti tar-rinviju.

81. Fir-rigward tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, il-kontenut tiegħu jirreferi għall-każ ta' talba (imressqa minn persuna li għandha d-dritt ta' kustodja) għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jistedinhom jagħtu deċiżjoni fuq il-bażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, "ħalli tikseb ir-ritorn ta' l-minuri li ġew inġustament imneħħija jew miżmuma fi Stat Membru barra dak li huwa l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta".

82. Madankollu, l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 2201/2003 sempliċement jipprevedi mekkaniżmu ta' komunikazzjoni bejn qrati, b'tali mod li dik li tkun tat deċiżjoni li *ma jsirx ritorn* skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, tittrażmetti kopja ta' din id-deċiżjoni lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni (jew lill-awtorità ċentrali) tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illeċiti tiegħu.

[41] Dan huwa l-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni li jipprovdi li "l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti oħra li topponi r-ritorn iġġib prova li: a) il-persuna [...] [kienet tat] il-kunsens [tagħha] jew sussegwentement baqgħ[et] siekta għar-rimozzjoni jew ritenzjoni tal-minuri".

83. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 42(2)(c) tar-Regolament Nru 2201/2003, jipprovdi li meta *r-ritorn* ta' minuri jkun il-konsegwenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna dan skont l-Artikolu 11(8), għandhom jiġu segwiti passi u kundizzjonijiet determinati sabiex din id-deċiżjoni tibbenefika mis-sistema ta' eżekuzzjoni prevista fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003.

84. Ma hemm xejn fir-Regolament Nru 2201/2003 li jindika li, għall-finijiet tal-introduzzjoni ta' proċedura fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, id-detentur tad-dritt ta' kustodja, jew il-qorti adita, huma inevitabbilment marbuta bl-espożizzjoni tal-fatti li dan id-detentur ikun wettaq fil-kuntest ta' talba minn qabel għar-ritorn tal-minuri [42].

85. Ir-Regolament Nru 2201/2003 lanqas ma jeżiġi li r-regoli dwar il-prova tal-fatturi li jiddeterminaw il-ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 10 tiegħu, ikunu l-istess bħal dawk applikabbli fil-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 sabiex jiġi deċiż ir-ritorn ta' minuri [43].

86. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li deċiżjoni mogħtija fi tmiem proċedura abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 ma taffettwax il-mertu tad-dritt ta' kustodja u lanqas, għaldaqstant, id-deċiżjoni li jista' jagħti l-korp kompetenti f'dan il-qasam [44].

87. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, minħabba n-natura mħaffa tal-proċedura ta' ritorn, it-talba għal dan l-għan "għandha tkun ibbażata fuq elementi li jistgħu jiġu vverifikati malajr u faċilment" u semmiet b'mod partikolari d-data li minnha t-tneħħija hija illeċita, bħala wieħed mill-elementi li l-prova tagħhom tista' tirriżulta diffiċli, jekk mhux impossibbli [45].

88. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, jiena nqis, b'mod definittiv, li:

– Ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħtix lill-qorti nazzjonali (li għandha tiddeċiedi jekk għandhiex ġurisdizzjoni jew le sabiex tieħu konjizzjoni ta' talba għall-kustodja ta' minuri) regoli li jippermettu li jiġi ddeterminat sa fejn hija suġġetta għal allegazzjonijiet preċedenti magħmula fil-kuntest ta' proċedura oħra li fiha ntalab ir-ritorn tal-minuri [46].

– Fl-assenza ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-oneru tal-prova taċ-ċirkustanzi li, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, jikkostitwixxu l-bażi tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-korpi ta' Stat Membru partikolari, huwa l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru li jiddefinixxi dawn ir-regoli, b'osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, kif ukoll tal-effett utli tar-Regolament Nru 2201/2003.

[42] Waqt is-seduta, ir-rappreżentanti tal-Gvern Ġermaniż u tal-missier ta' L spjegaw li, skont id-dritt intern, fil-kawżi tal-familja, il-qorti tipproċedi, *ex officio*, bl-investigazzjonijiet neċessarji sabiex tistabbilixxi l-fatti rilevanti għad-deċiżjoni. Għalhekk, wieħed ma jistax jinvoka eventwali "dekadenza għal espost ġdid tal-fatti mressaq mill-missier" fi proċedura (ta' kustodja) meta mqabbla ma' proċedura oħra (ta' ritorn), kif jidher li tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju.

[43] U lanqas, fir-realtà, kwalunkwe deċiżjoni oħra. Ir-Regolament Nru 2201/2003 jeżiġi biss il-verifika tal-ġurisdizzjoni u, jekk ikun il-każ, id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni *ex officio*: ara l-Artikolu 17 tiegħu.

[44] Sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829, punti 62 *et seq*); u OL, paragrafu 65.

[45] Sentenza OL, punt 58.

[46] F'qasam ippresedut mill-interess tal-minuri, l-affermazzjonijiet ta' ġenitur dwar il-kwistjoni ta' meta t-tneħħija kienet, jew saret, illeċita (bħala ċirkustanza ekwivalenti, jekk ikun il-każ, għal għarfien tal-post fejn jinsab il-minuri) ma għandhomx ikunu vinkolanti għall-qorti msejħa sabiex tapplika l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003. F'dan ir-rigward, id-*dies a quo* għandha tkun id-data li minnha, fid-dawl tal-indizji, oġġettivament ma hemm l-ebda dubju raġonevoli li l-minuri ma jiġix irritornat lejn l-Istat Membru ta' oriġini.

## V. Konklużjoni

89. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għat-tieni domanda preliminari tal-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja):

"L-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

Talba, imressqa abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, intiża għar-ritorn tal-minuri fi Stat li ma huwiex dak tar-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "talba għar-ritorn" fis-sens tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

Ladarba l-post fejn jinsab il-minuri ikun magħruf (jew għandu jkun magħruf), il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Istat Membru fejn dan il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija illeċita tiegħu tintilef jekk, flimkien mal-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, id-detentur tad-dritt ta' kustodja jibda azzjoni ta' kustodja quddiem dawn il-qrati, iżda mhux talba għar-ritorn quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih il-minuri ikun ittieħed.

L-allegazzjonijiet ta' fatti magħmula fil-kuntest ta' proċedura ta' ritorn tal-minuri mibdija abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 ma jorbtux neċessarjament lil min għandu jiddeċiedi jekk il-qorti ta' Stat Membru għandhiex ġurisdizzjoni fi proċedura sussegwenti ta' kustodja.

Ir-regola tal-oneru tal-prova prevista fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 ma tapplikax għall-fatti invokati sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni internazzjonali fir-rigward ta' talba għal kustodja".